EUROPA TOURS

**7 t' ijiem**

*A Magic Experience Around*

# Lago Di Garda

**4-Star hotel in Verona**

***Gardaland, Movieland, Caneva World Studios, Safari Park***

**Verona, Desenzano del Garda, Lago di Garda, Riva Del Garda, Limone, Malcesina, Venezia, Sirmione, Bardolino , Trento…**

**Gruppi**

**A: 13 - 19 ta' Lulju B: 17 - 23 t'Awwissu C: 07 - 13 ta' Settembru**

**L-Ewwel Jum** Niltaqgħu l-ajruport internazzjonali ta' Malta fis-10.30 għat-titjira KM624 li ttir fis-12.45 u naslu l-ajruport ta' Linate fit-14.45. Nitilqu bil-kowċ lejn **Desenzano del Garda** għal waqfa biex ingawdu l-ġmiel ta'dan il-post. Wara nkomplu lejn il-Hotel San Pietro 4 star ġo **Verona**, belt romantika u storika fil-qalba tat-Tramuntana tal-Italja. Sistemazzjoni tal-kmamar kollha bl-arja kkundizzjonata.

**It-Tieni Jum** Eskursjoni mill-iżjed interessanti fejn se nżuru villaġġi mill-aktar pittoreski li jinsabu madwar **Lago di Garda**. Nibdew il-vjaġġ tagħna bil-kowċ lejn **Riva del Garda** fejn naraw il-parti antika mimlija bini bl-arkati bi stil medjevali u palazzi antiki, nkomplu lejn Cascata Del Verone Nitilqu bil-boat (mhux inkluża) lejn **Limone** li hi tant attraenti b' toroq dojoq mimlija ħwienet li jbiegħu affarijiet tal-ġilda u souvenirs. L-aħħar waqfa tagħna tkun ġo **Malcesina**, post ieħor mill-isbaħ.

**It-Tielet Jum** Ġurnata mimlija divertiment kontinwu għall-kbar u għaż-żgħar. Għalhekk għal min irid tkun offruta eskursjoni ta' jum sħiħ għal **Gardaland**. Park famuż għad-divertiment għax hu speċi ta' Mini Disneyland. Dan hu l-isbaħ u l-akbar Theme Park ġewwa l-Italja (biljett tad-dħul mħallas). Naraw shows spettakolari u attrazzjonijiet fantastiċi. Illum ma jkollnix ċena. Illum ser nipprovdu żewġ transfers lura l-hotel wieħed fis-18:30 u ieħor fl' 22.30.

**Ir-Raba' Jum** Wara l-breakfast eskursjoni lejn il-belt famuża ta' **Venezja**, il-belt romantika, il-gżira ta' 411-il pont u 150 kanal. Mal-wasla tagħna naqbdu l-boat (imħallsa) li twassalna Piazza San Marco. Fil-mawra tagħna f'din il-belt nammiraw il-katidral ta' San Marco, Riva degli Schiavone, Ponte Dei Sospiri, Ponte Rialto u l-Grand Canal, nagħmlu dawra mat-toroq dojoq u tant pittoreski kif ukoll matul il-kanali. Min irid jista' jitla' fuq il-Campanile minn fejn tkunu tistgħu tammiraw veduta meraviljuża ta' Venezja u l-baħar ta' madwarha jew jzur **Doge's Palace** (ent fee extra) wieħed mill-aktar monumenti importanti u impressjonanti tal-belt, fejn se nesploraw dan il-palazz storiku li darba kien is-sede tal-Gvern Venezjan u r-residenza tad-Doge. Nirritornaw lura Verona.

**Il-Ħames Jum** Ġurnata mill-iżjed avventuruża fejn illum se mmorru **CanevaWorld Resort,** li jikkonsisti f'żewġ parks **Movieland Studios** u **Aquapark** (biljetti tad-dħul imħallas), dinja ta' divertiment għall-familja kollha. Movieland park nesperjenzaw l-istudios ta' Hollywood iżda ma tarawx films, ingawdu minn attrazzjonijiet, live shows u monumenti ta' Super Animation. Aqua Park huwa post fejn tgawdi pools mill-isbaħ, slides u ħafna divertiment fl-ilma.Fil-17:30 transfer lura l-hotel . Filgħaxija mmorru bil-kowċ **Bardolino** fejn nagħmlu dawra mal-post fejn ikun hawn atmosfera sabiħa, ħin liberu u wara nirritornaw lura l-hotel.






**Is-Sitt Jum** Wara l-breakfast noffrulkom eskursjoni ta' nofs ta' nhar għall-belt ta' **Trento**, belt storika sabiħa fil-qalba tat-Trentino, fejn se nżuru ċ-ċentru storiku b'Piazza Duomo u l-Katidral ta' San Vigilio, inkomplu mixja tul Via Belenzani b'binjiet antiki u freski, naraw l-famuż Castello del Buonconsiglio, simbolu importanti tal-belt. Ħin ħin liberu għal xiri ta' suvenirs fil-pjazez pittoreski, filwaqt li napprezzaw l-atmosfera alpina u kulturali li tagħmel lil Trento destinazzjoni unika. Nirritornaw lura **Verona** fejn ikollna ħin liberu jew min irid jista jagħmel mixja tul Via Mazzini sal-Piazza delle Erbe u Piazza dei Signori, nagħmlu waqfa quddiem id-Dar ta' Ġuljetta bil-gallarija famuża tagħha.

**Is-Seba' Jum** Buffet breakfast, eskursjoni ta' ġurnata mill-iżjed interessanti fejn se nżuru **Parco NaturaViva Safari Park, Sirmione, Borghetto sul Mincio**. L-ewwel waqfa tagħna tkun f'**Parco Natura Viva Safari Park** f'Bussolengo (dħul extra) fejn naraw diversi annimali waqt li nduru bil-kowċ f'dan il-park li hu kbir seba' kilometri. Din hi esperjenza sabiħa kemm għal kbar kif ukoll għat-tfal. Dan il-park joffri okkażjoni unika biex nosservaw mill-viċin l-annimali tas-Savana Afrikana fl-abitat naturali tagħhom. Wara nkomplu lejn Sirmione, il-perla ta' Lake Garda. Nagħmlu dawra mat-tour leader madwar it-toroq tant pittoreski mimlija boutiques, cafes u restaurants. Min irid jista' jmur dawra bil-boat(extra) madwar il-lag fejn fost l-oħrajn naraw il-**Villa ta' Maria Callas**. Ikun imiss li nżuru **Borghetto sul Mincio** li bla dubju huwa post li jsaħħar lil kull min iżuru. **Mincio** hu ddikjarat bħala wieħed mill-isbaħ villaġġi fl-Italja. Wara jkollna transfer lejn l-**ajruport ta' Linate** għat-titjira KM627 li titlaq minn Milan fid-20.45 u naslu Malta fil-22.55

**Prezz jinkludi**
**Eskursjonijiet u Taxxi mħallsa**

| | **Prezz Skontat** |
|---|---|
| Kamra ta' tlett persuni | € 1220 |
| Kamra żewġ persuni | € 1230 |
| Kamra ta' persuna waħda | € 1500 |
| Tfal sa 11 – il sena f' kamra ma' żewġ adulti | € 995 |

**Prezz jinkludi**

- Titjira mal-KM Malta Air għal Linate
- 20kgs Check-In Luggage + Hand Luggage
- Transfers u eskursjonijiet skont il-programm (entraturi u cable cars mhux inklużi – barra dawk indikati)
- 6 iljieli – Hotel San Pietro 4-star ġo Verona
- Kmamar b'arja kkondizzjonata
- Buffet Breakfast kontinentali Kuljum
- Entraturi ta' Gardaland, Caneva World u Movieland Studios
- Boat ta' Venezja
- Taxxi tal-ajruport
- Tour Leader
- Insolvency protection

**Prezz ma jinkludiex:**
City Tax
Kull tip ta' entratura, cable cars, boat trips, trains etc



